**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 14 ta' Lulju, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Philip Borg**

**Mary Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Philip Borg** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 221455M; u

**Mary Borg** detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 549953M;

Akkuzati talli fil-21 t' Awwissu 2012 u fil-perjodu ta' qabel din id-data, f' dawn il-Gzejjer zammew diversi annimali fi stat hazin u dan bi ksur ta' Artikolu 8(1)(2)(3) tal-Kap 439, Trattament Xieraq tal-Annimali, Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Lulju, 2014 (esebit a fol. 13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw numru ta' annimali li kienu qed jinzammu f' kundizzjoni mhux xierqa jew hazina fil-21 ta' Awwissu 2012 u fix-xhur ta' qabel. Mill-provi fil-fatt irrizulta li l-imputati kienu jzommu numru konsiderevoli ta' klieb u anki xi ghasafar fir-residenza taghhom f' Hal-Balzan u li fil-21 ta' Awwissu 2012 wara search li saret mill-ufficjali tad-Dipartiment ta-Animal Welfare u l-Pulizija gew mehuda l-annimali

kollha li kellhom l-imputati fid-dar u ritornati xi xhur wara u dan wara li l-imputat sab akkomodazzjoni alternattiva ghal dawn  il-klieb f' mahzen li huwa xtara apposta l-Imriehel .

Preskrizzjoni

Illi l-imputat Philip Borg qed jeccepixxi Ii l-azzjoni kriminali hija preskritta fil-konfronti tieghu stante li jsostni li huwa qatt ma gie regolarment notifikat bic-charge sheet odjerna ghaliex fuq ir-riferta li nghatatlu kien hemm indikat isem martu u mhux ismu.  L-imputati qed jigu akkuzati bir-reat kontemplat fl-Artikolu 8(1), (2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta liema reat fis-sena 2012, u cioe' qabel ma gie emendat l-Artikolu 45(1) tal-Kap. 439 fl-2014, kien jikkomporta piena ta' massimu ta' sena prigunerija u multa.  Il-preskrizzjoni applikabbli hija ghalhekk dik ta' sentejn skond l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti inseriti a fol.17, 30, 31 u 37 tal-atti processwali u wara li semghat ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni jidrilha li l-imputat Philip Borg gie regolarment notifikat skond il-ligi bic-charge sheet odjerna stante li huwa gie notifikat bic-charge sheet fid-9 ta' Awwissu 2014[i] fuq liema charge sheet hemm indikat kjarament min huwa akkuzat, x' inhuma ic-charges u meta huwa ghandu jidher il-Qorti.  Il-fatt li fuq ir-riferta annessa mac-charge sheet kien hemm biss isem il-ko-akkuzata Mary Borg ma jirrendiex in-notifika tac-charge sheet innifisha irregolari.  Jirrizulta ghalhekk li l-imputat Philip

Borg gie notifikat entro t-terminu ta' sentejn u jsegwi ghalhekk li l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi michuda.

Mertu

Illi kif diga' ntqal aktar il-fuq l-imputati qed jigu akkuzati li fil-21 ta' Awwissu 2012 jew fix-xhur ta' qabel huma zammew xi annimali fi stat hazin u dan bi ksur tal-Artikolu 8(1)(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi s-subinciz (1) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 439 jitkellem dwar is-setgha li ghandu l-Ministru responsabbli mill-harsien tal-annimali li jaghmel regolamenti dwar il-kura tal-annimali u ghalhekk l-imputati zgur ma jistghux jitqiesu li kisru dan il-provvediment tal-ligi stante li huma m' humiex il-Ministru u ghalhekk m' ghandhom ebda setgha li jaghmlu regolamenti dwar il-harsien u l-kura tal-annimali. Is-subincizi (2) u (3) tal-istess Artikolu 8 jipprovdu s-segwenti:

> (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jipprovdi għall-mod li bih dawk l-ispeċi u kategoriji ta' annimali kif jiġi preskritt għandhom jiġu mħarsa, mitmugħa, misqijin, mdewwa u mgħallma u l-kwalifiki tal-persuni li jkunu responsabbli għal dan.
>
> (2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat.

Illi din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li dawn iz-zewg subincizi appena citati jitkellmu dwar sofferenza, dwejjaq u ugiegh bla

bzonn u dwar abbandun tal-annimali u huwa l-Artikolu 7 tal-Kap. 439 li fil-fatt jipprovdi dwar l-istat li ghandhom jinzammu fih l-annimali. Jidher ghalhekk li tezisti kontradizzjoni cara fl-akkuza stante li m' huwiex car jekk effettivament l-imputati humiex qed jigu akkuzati b' mohqrija tal-annimali jew altrimenti li huma zammewhom f' kundizzjoni hazina. Illi din il-kontradizzjoni necessarjament timplika li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tal-akkuza kif dedotta.

Illi fi kwalunkwe kaz din il-Qorti jidrilha li l-imputati rnexxielhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli li huma kienu jiehdu hsieb u jitrattaw b' mod xieraq u denju l-annimali li kienu jzommu fid-dar taghhom. F' dan ir-rigward il-Qorti hadet in konsiderazzjoni x-xhieda taz-zewg imputati izda tat piz kbir lix-xhieda tal-Ispettur Jonathan Ransley[ii], ix-xhieda tal-veterinarju Dr. Alex Schiro'[iii] u dik ta' Emanuel Buhagiar[iv]. Dan tal-ahhar li huwa ufficjal fi hdan l-Animal Welfare u li kien prezenti meta gew elevati l-annimali mir-residenza tal-imputati indika li l-klieb kienu jidhru li jinghataw x' jieklu sew u li kienu f' kundizzjoni tajba. L-istess haga qal l-Ispettur Ransley. Mix-xhieda tal-veterinarju Schiro' inoltre jidher li kien meta l-annimali kienu fil-kustodja tad-Dipartiment tal-Animal Welfare li huma nzammu fi stat hazin ghaliex meta l-klieb gew ritornati lill-imputati huma kienu mimlijin brighat.

Illi huwa evidenti li dan il-kunflitt fil-provi ghandu jimmilita favur l-imputati u jsegwi ghalhekk li huma ma jistghux jinstabu hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat Philip Borg tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom minnha.

**Magistrat**

---

[i] Vide riferta a fol. 17 tal-atti processwali.
[ii] Vide xhieda a fol. 147 et sequitur tal-atti processwali.
[iii] Vide xhieda a fol. 170 et sequitur.
[iv] Vide xhieda a fol. 152 et sequitur.